IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum it-22 ta' Jannar, 2025

Rikors numru: BCT/03/2023 BCT

Membri:

Avukat Christopher L. Vella

Perit Robert Sarsero

Inġ. Anthony Camilleri

Polidano Brothers Limited

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *Illi dan ir-rikors huwa appell mis-socjeta Polidano Brothers Limited fir-rigward ta'Avviz ta'Infurazar mahrug mill-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni fil-konfront taghha nhar it-13 ta'Frar 2023 [Kopja hawn annessa u mmarkata Dok A] u mill-Avviz ta' Multa Amministrattiva mahruga fl-14 ta' Frar 2023 [Kopja hawn annessa u mmarkata Dok B].*
>
> *2. Il-fatti fil- qosor:*
>
> *i. Is-socjeta appellant giet imqabbda bil- fomm mir- rapprezentanti tas-sidien tas-sit mertu ta'Avviz ta'l-Infurzar fl-ismijiet permessi sabiex twettaq demolizzjoni gewwa l-Go exchange Building gewwa Triq Salvu Psaila,B'kara;*
>
> *ii. Is-sidien tal- proprjeta ghaddew lill-appellanti kopja tal-method statement imhejji mill-Perit ta'l-Izvilupp [Dok C*
>
> *iii. L-appellanti wettqet ix-xogholijiet li ghalijhom tqabbdet*

iv. *Fil-granet li kienet qed isie ix-xoghol ittellgha filmat fuq il-media socjali;*

v. *L-Awtorita' tal-Bini u tal-Kostruzzjoni dehrilha fid-diskrezzjoni taghha li kellha tohrog l-Avviz ta' Infurzar u l-Avviz ta'Multa Amministrattiva fl-ammont ta'hamest T'elef Ewro fil-konfront tas-socjeta' appellanti;*

3. Illi l-esponenti hassitha aggravata minn dawn il-mizuri li ttiehdu fil-konfront taghha u minnhom qed tinterponi dan l-umli appell;

4.Illi l-aggravvju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li;

i. *L-avviz ta'multa amministrattiva fih referenza ghal ragunijiet generici u ma jissodisfax il-principli tad-dritt amministrattiv specifikament l-obbligu li l-entita' amministrattiva taghti ragunijiet ghad-decizjoni taghha b'tali mod u maniera li jippermeti lil persuna li tiddefendi ruha adekwament u tikkontesta l-allegazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha;*

ii. *L-allegazzjonijiet u l-akkuzi mressqa fil-konfront ta' appellanti fl-avviz ta' infurzar tat-13 ta'Frar 2023 huma bla bazi fattwali u guridika u ghalhekk kemm l-avviz tat-13 ta'Frar 2023 u ta'l-14 ta'Frar 2023 huma invalidi u bla effett fil-ligi.*

5. Illi r-rimedju mfittex mill-appellanti huwa s-segwenti:

It-thassir u r-revoka ta'l- Avvizi tat-13 ta'Frar2023 u tal-14 ta'Frar 2023 fl-ismijiet Premessi fl-intier taghhom

6. Illi d- dokument 193a li huwa l-method statement tad-demolizzjoni u li kellha s-segwi s-socjeta appellanti jistipula s-segwenti:

Prior to any demolition works,fences/ boarding will be installed on the facade overlooking the street.

Pavements will be accessible to pedestrians. Fences will be maintained and adapted during the contract to suit the phasing of the works. No site office is required for this type of project.

3.2. Demolition of the Existing Structure - Methodology and Precautions

1.Internal services within the existing buildings will be isolated before stripping-out and Demolition operations commence. Any existing fixtures or fittings to be retained will be clearly identified and arrangement made to place these in secure storage before work starts.

2. Existing slabs will be propped as required and as per discussions held on site.

3. Any support platforms or decking will be erected as required.

4. Demolition of exsting roof structure ceilings will be carried out by means of pneumatic Hammers or excavator equipped with demolition scissors/shears. Operatives will be provided with appropriate personal protective equipment to prevent injury from dust and Abrasion.

5. Demolition works are to be modified by Terracore Ltd. to make sure that vibrations from Demolition never exceed the vibration limit given by Malta Properties engineer, Eng. Anthony Cassar. In his report be stated that vibrations limits should not exceed 0.1g in Acceleration mode. The geotechnical Engineer taking care of this monitoring is

Perit Kleaven Maniscalco on behalf of Terracore Ltd.

6. Reinforced concrete floor slabs are carefully broken down to avoid nuisance to neighbouring properties.

Any reinforcement shell be cut off after all the area is exposed.

7. Demolition of slabs is to start from the unsupported edge and divided in strip perendicular To the supporting edge of masonry wall.

8. The resultant demolition material will b transferred into trucks by an excavator equipped with a bucket.

9. Fences will be erected around the new scaffold and spraying water through the services of a water bowser or other similar means to contain and mitigate any dust resulting from thedemolition works.

Further Notes:

a. Any machinery not mentioned above cannot be used on site, unless an update method statement is uploaded on e-Apps.

b. Only mobile crane will be used, no tower crane will be used during the demolition works. Should the need arise for a tower crane, an updated Method Statement will be submitted on e-Apps.

C. Operatives will be provided with appropriate personal protective equipment to prevent injury from dust,abrasion and noise.

D. All the demolition works will be undertaken by a specialist subcontractor.

Fil-fatt is-socjeta appellanti imxiet skrupolosament ma dan il-method statement.

1. *Uzat makkinarju l-izjed idoneu ghax-xoghol in kwisjtoni [Vide ritratti kif ukoll letteratura Teknika ta'l-istess makkinarju];*
2. *Il-haddiema taghha li kienu qed jaghmlu ix-xoghol huwa Josef Borg u Mario Aquilina- li huma haddiema ta'esperjenza u li huma mharrga ghal dan ix-xoghol [Vide certifikat ta'kompetenza, skill cards, kif ukoll certifikati ta'tahrig moghti mill-kumpanija appellant Lill-istess impjegati;*
3. *Fuq il-post waqt id-demolizzjoni il-klijent ha hsieb li jkun hemm tlett ufficjali ta'infurzar ta' Transport Malta sabiex jassigura li Triq Salvu Psaila b'mod partikolari u toroq ohra jkunu maghluqa ghat-traffiku tal vetturi waqt id-demolizzjoni. Id-dettalji ta'dawn l ufficjali jistghu jigu pprovduti mill-klijent jew minn Transport Malta. Il- permessi ta'l-gheluq ta'*

toroq u ufficjali tat-traffiku kienu responsabilita' tal-klijent u mhux tal-appellant. Kopja tal-permessi relattivi jistghu jigu ottenuti mill-klijent u minn Transport Malta;

4. *Fuq il-post waqt id-demolizzjoni kien hemm id-direttur tas-socjeta appellanti, Paul Polidano u l-STO tal-progett fuq in-nahha l-ohra tat-triq sabiex jaraw u jassiguraw Li l-ebda persuna ma tghaddi lanqas fuq il- bankini waqt id-demolizzjoni u fil-fatt hadd ma thalla jghaddi miz- zona;*
5. *Fuq il-post is-socjeta appellanti kellha bowser tal-ilma bin-numru ta'registrazzjoni [ritratt anness] sabiex txarrab waqt it- twaqqiegh sabiex tnaqqas trabijiet li setghu jirrizultaw;*
6. *Mad-dawra tas-sit is-socjeta appellanti hadet hsieb li tereggi Jersey Islands bhala ilqugh.*
   [Ritratti annessi]
7. *Sal-fazi li kienet wasslet id-demolizzjoni ma kienx giet erett scaffolding kif stipulat f'punt numru 9 tat-taqsima 3.2 tal-method statement*
8. *Jidher ben car li l-Awtorita'agixxiet solament fuq il-filmat li deher fuq il-media socjali u ma ghamel l-ebda ezercizzju tal-verifika tal-fatti. Il-filmati in kwistjoni huwa silettiv ferm ghaliex bl-ebda mod ma juri li Triq Salvu Psaila kienet maghluqa ghat-traffiku u lanqas turi l-ufficjali ta'Transport Malta fuq il-post. L-istess filmat ghalhekk ma jindikax li d- debris li waqa fuq in-nahha ta' Triq Salvu Psaila waqa fuq wicc ta'triq li kienet maghluqa ghat-traffiku u ghall-pedestrians. L-istess filmat pero'juri li d-debri li waqa fuq in-naha l- ohra tat-Triq fejn hemm l-iskola fil-fatt waqa l-gewwa mill-Jersey Island u l-ilqugh li kienet ghamlet is-socjeta appellanti.*
9. *Bir-rispett minkejja li l-Awtorita' ticcita l-ligi fl-avvizi minnha mahruga,l-istess Awtorita'ma mxietx mal-ligi stess minnha citata u agixxiet biss bhala knee jerk reaction ghal kummenti fil-media sacjali minghajr biss ma talbet informazzjoni jew addirittura taghmel verifiki indipendenti.*
10. *Illi huwa ferm facli li wiehed jikkritika u jaghmel allegazzjonijiet jekk ma jkunx konsapevoli tal-fatti kollha,jwettaq investigazzjoni serja u ma jkunx konsapevoli tad-diffukaltajiet teknici fl-ezekuzzjoni tad-demolizzjoni fejn minkejja li wiehed jiehu l-prekawzjonijiet kollha dak li jkun qed jitwaqqa ma jirreagixxiex kif ikun previst jew prevedibbli minn bniedem tas-sengha.*
11. *Finalment ghandu jinghad li l-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu ma huwiex tas-subappaltatur bhala ma kienet s-socjeta appellant izda tal-kuntrattur principali,tal-perit u tal-STO tal-progett. Pero'fi kwalsiasi kaz l-appellanti mxiet u harset fl-intier tieghu d-dikjarazzjoni tal-metodu.*

Għaldaqstant in vista tal-permess,l-esponenti filwaqt li tirrizerva d-dritt li tressaq provi ulterjuri u taghmel sottomissjonijiet ulterjuri,umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka u jhassar l-Avvizi u d-decizjonijiet mehudha mill-Awtorita'tal-Bini u l- Kostruzzjoni fl-ismijiet u d-dati premessi u dan taht kull provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita' appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull apsett;*
2. *Illi durante t-trattazzjoni tal-appell, r-rappreżentanti tal-Awtorita' appellata ser jkun qegħdin jispjegaw f'aktar dettal dawn il-fatti, komunque jidher bl-aktar mod ċar li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kienet waħda u ċioe' n-nuqqas ta' aderenza mal-method statement, u li bl-ebda mod tali deċiżjoni ma kienet motivata biss fuq dak li deher fil-media soċjali;*
3. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern in toto.*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

L-appell odjern jittratta żewġ avviżi maħruġin mill-Awtorita' appellata. L-ewwel wieħed kien avviż ta' infurzar datat t-13 ta' Frar, 2023 li permezz tiegħu is-soċjeta' appellanta ġiet imwaqqfa milli tkompli bl-iżvilupp fis-sit ġewwa Go Exchange Building, Triq il-Fniek c/w Triq Salvu Psaila, B'kara c/w Trejqa ta' Fleur-de-Lys, Santa Venera, Triq Borg, Birkirkara. L-Awtorita' appellata tgħid li fit-13 ta' Frar, 2023 kif ukoll fil-ġranet ta' qabel saru xogħlijiet ta' demolizzjoni li mhux konformi mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06, u saret referenza għall-parti mid-dikjarazzjoni tal-metodu li skond l-Awtorita' appellata ma ġietx osservata.

It-tieni avviż kien avviż ta' multa datat l-14 ta' Frar, 2023 li permezz tiegħu l-Awtorita' appellata imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000) bir-raġuni mogħtija tkun li fil-11 ta' Frar, 2023 kif ukoll fil-ġranet ta' qabel saru xogħlijiet ta' demolizzjoni li ma kienux konformi mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06 u li ma kienux konformi mad-dikjarazzjoni tal-metodu.

L-ewwel aggravju

Illi fl-ewwel aggravju imressaq mis-soċjeta' appellanta, tgħid li l-avviż ta' multa amministrattiva huwa ġeneriku u ma jissodisfax l-obbligu li għandha entita' amministrattiva li tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha b'tali mod li min irid jappella minn dik id-deċiżjoni ikun jista' jagħmel dan bl-aħjar mod u jkun f'qagħda li jiddefendi ruħu adekwatament u jkun jista' jikkontesta l-allegazzjonijiet li jkunu qed jiġu miġjuba fil-konfront tiegħu.

Artikolu 17 jindika l-forma u l-kontenut tal-avviż tal-infurzar. Minn analiżi tal-istess artikolu jirriżulta li l-avviżi in kwistjoni isegwu dak mitlub minn artikolu 17. It-Tribunal ma jqisx li l-avviżi ma kellhomx id-dettalji kollha neċessarji sabiex l-appellant seta' jressaq l-appell tiegħu. Prova ta' dan huwa l-fatt li l-appellant kien kapaċi biżejjed li fir-rikors promotur tiegħu iressaq id-difiża kollha tiegħu għall-avviżi kif maħruġa u għal dak li ġie allegat fihom.

Għaldaqstant in vista' ta' dak suespost l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

It-tieni aggravju

It-tieni aggravju mressaq mis-soċjeta' appellanta jittratta l-mertu tal-kwistjoni

Is-soċjeta' appellanta tgħid, fir-rikors promotur tagħha, li hija imxiet skruplosament ma dak li ġie indikat fid-dikjarazzjoni tal-metodu u fosthom billi ħadet miżuri f'li tara li jkun użat il-makkinarju idoneu għax-xogħol, li jkollha ħaddiema ta' esperjenza, li waqt id-demolizzjoni jkun hemm preżenti tlett uffiċjali ta' infurzar tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, li kien hemm preżenti rappreżentanti tas-soċjeta' appellanti u kif ukoll is-*Site Technical Officer* sabiex jiġi assigurat li ebda persuna ma tgħaddi waqt id-demolizzjoni u li ġew installati barikati sabiex iservu ta' lqugħ. Is-soċjeta' appellanta tgħid li l-Awtorita' appellata aġġixxiet biss fuq il-filmat li deher fuq il-midja soċjali liema filmat ma jurix ir-rappreżentanti ta' Transport Malta li kienu

preżenti u lanqas ma juri li t-triq fejn waqa' d-debris in kwistjoni kienet magħluqa għat-traffiku. In vista' ta' dan, is-soċjeta' appellanta tgħid li l-Awtorita' appellata ma wettqitx l-investigazzjonijiet kollha neċessarji qabel ħarġet l-avviżi in kwistjoni u minflok aġġixiet b' mod emottiv in rispons tar-reazzjoni tal-pubbliku għall-istess filmat.

Is-soċjeta' appellanta targumenta ukoll li l-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu ma huwiex tas-sub-appaltatur iżda tal-kuntrattur prinċipali, tal-Perit u tas-Site Technical Officer tal-proġett.

In sostenn tal-appell tiegħu is-soċjeta'appellanta preżentat fattura maħruġa minn Transport Malta nhar il-11 ta' Frar, 2023 li tirreferi għall-ammont ta' €462.56 rappreżentanti żewġ uffiċjali ġewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Sarah Bezzina, uffiċjal fi ħdan Transport Malta, xehdet u kkonfermat il-preżenza ta' żewġ uffiċjali ta' Transport Malta bejn l-għaxra ta' filgħodu u l-ħamsa ta' filgħaxija. Iż-żewġ uffiċjali xehdu ukoll f'dawn il-proċeduri fejn ġie kkonfermat li Psaila street kienet magħluqa miż-żewġ direzzjonijiet. Ġie kkonfermat ukoll li karozzi ma kienux qed jgħaddu pero' nies li kienu qed jgħaddu bil-pass kienu qed jiġu mitluba jgħaddu minn naħa l-oħra tat-triq bħala miżura ta' sigurta. Ġie kkonfermat ukoll li s-sit kien ċirkondat bil-blokki tal-konkos mal-periferija tiegħu.

Xehed ukoll Paul Polidano, wieħed mid-diretturi fi ħdan il-kumpanija appellanta li kkonferma li s-sit kien imdawwar b' jersey islands b'għoli ta' 2.4 metri. Huwa kkonferma ukoll li kienu ottjenew il-permess għaxart ijiem qabel saru x-xogħlijiet u li kien hemm erba' uffiċjali tat-Transport Malta preżenti. Huwa kkonferma li hu kien fuq il-post il-ġurnata kollha u li tul dak il-ħin ma għaddewx vetturi u n-nies kienu qegħdin jingħataw direzzjoni jgħaddu minn faċċata tas-sit. Ix-xhud ikkonferma li d-demolizzjoni dam madwar sitt siegħat u li wara sar it-tindif kollu neċessarju.

Ix-xhud Brandon Muscat, uffiċjal fi ħdan l-Awtorita' appellata daħal fil-kwistjoni tal-ksur tad-dikjarazzjoni tal-metodu. Hu qal li wara spezzjoni li kienet saret irriżulta li kien hemm xogħlijiet li ma kienux qed isiru skond dak indikat fid-dikjarazzjoni tal-metodu. Ix-xhud irrefera għas-segwenti parti mid-dikjarazzjoni tal-metodu li fl-opinjoni tiegħu kienet qed tiġi miksura:

"*Prior to any demolition works, fences / hoarding will be installed on the façade overlooking the street. Pavements will be accessible to pedestrians. Fences will be maintained and adopted during the contract to suit the phasing of the works. No site office is required for this type of project".*

Minn din il-parti huwa kkonkluda li l-bankina ma kinitx aċċessibli peress li kien hemm xi debris mal-art.

Ix-xhud irrefera ukoll għal parti oħra mid-dikjarazzjoni tal-metodu li fl-opinjoni tiegħu kienet qed tiġi miksura:

"*The site shall be kept clean and tidy at all times and will accord with any statutory requirements. Particular attention is to be given to preventing the contamination of adjoining roadways and existing water courses"*

Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-fatt li kien hemm materjal fit-triq li kien qed jipprevjeni l-aċċess għall-bankini huwa ikkonkluda li kien hemm ksur tal-method statement. Meta mistoqsi in kontro-eżami huwa kjarifika li bil-kliem bankini huwa kien qed jirreferi għall-bankini taż-żewġ naħat, kemm dawk adjaċenti għas-sit u anke dawk ta' faċċata.

Ikkunsidra

Ir-responsabbilita tal-kuntrattur

L-Avviż Legali 136 tal-2019 jagħmilha ċara li r-responsabbilita' tal-kuntrattur għar-rigward tad-dikjarazzjoni tal-metodu hija għar-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżuri misjuba fl-istess dikjarazzjoni. Għaldaqstant dak li jrid jiġi annalizzat minn dan it-Tribunal huwa propju jekk dak li kien hemm inkluż fid-dikjarazzjoni tal-metodu ġiex b'xi mod miksur mill-kuntrattur. Għal kull buon fini, l-istess avviż legali, fid-definizzjoni li jagħti għal-sub-kuntrattur jistipula li s-sub-kuntrattur huwa marbut bl-istess obbligi li għandu kuntrattur. B'hekk f'din il-kwistjoni, huwa immaterjali jekk l-appellant kienx qed iservi bħala kuntrattur jew bħala sub-kuntrattur *stante* li l-obbligi li joħorġu mill-avviż legali huma l-istess.

Ksur tad-dikjarazzjoni tal-metodu

Dan meqjus, it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jikkunsidra jekk kienx hemm xi ksur tad-dikjarazzjoni tal-metodu da parti tal-appellant. It-Tribunal jibda biex iqis li process ta' demolizzjoni minnu nnifsu jippreżenta numru ta' riskji u għaldaqstant kwalunkwe kuntrattur irid jara li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex dawn ir-riskji jiġu minimizzati u u fejn possibli eliminati. It-Tribunal japprezza ukoll li mhux kull riskju jista' jiġi eliminat fi proċess hekk riskjuż. Minn dak indikat, is-sit kien jinkludi bini għoli u li allura r-riskji jiżdiedu.

It-Tribunal fela d-dikjarazzjoni tal-metodu in kwistjoni u nnota li kien hemm inkluż numru ta' riskji fil-proċess ta' demolizzjoni, uħud minnhom fil-fatt immaterjalizzaw. Issir referenza għas-segwenti:

Uncontrolled collapses due to the age of the structure, its use, nearby buildings, and type of construction
Falling materials, including flying debris and premature structural collapse

It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex iqis dak li qed jiġi allegat li ġie miksur mid-dikjarazzjon tal-metodu. Hawnhekk mhux ser ikun qed isir tidwir mal-lewża. It-Tribunal ma jqisx li huwa għaqli li waqt proċess ta' demolizzjoni ta' bini tan-natura in kwistjoni, li l-bankina li propju tmiss mal-istess twaqqiegħ għandha tkun aċċessibli. Għamel tajjeb il-kuntrattur li ra li dik il-bankina ma tkunx aċċessibli u li minflok tkun biss aċċessibli l-bankina ta' faċċata. Għamel tajjeb ukoll il-kuntrattur li ra li ebda vetturi ma jgħaddu mit-triq waqt dan il-proċess. Kif diġa ġie affermat, proċess ta' demolizzjoni ta' bini għoli bħal dak in kwistjoni jista' jippreżenta ċertu riskji u fejn dawn jistgħu jiġu eliminati għandu jsir propju hekk. Għaldaqstant ma jqisx li huwa ġust li l-appellant jiġi kkastigat fuq dan il-punt. It-Tribunal iqis li l-appellant aġixxa b'mod korrett u bl-aktar mod sigur sa fejn ra li ma jgħaddux individwi mill-bankina u m'għandux jiġi kkastigat għalih. Għaldaqstant ma jqisx li kien hemm ksur ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-metodu.

Wara li ra l-provi kollha prodotti, t-Tribunal iqis li l-kuntrattur ħa numru ta' miżuri tul il-proċess ta' demolizzjoni u implimenta d-dikjarazzjoni tal-metodu. Minkejja dan, it-Tribunal iqis ukoll, wara li ra r-ritratti preżentati, li n-numru ta' knatan u materjal li waqa' fit-triq adjaċenti kien sostanzjali. Hawnhekk fejn japplika parti mid-dikjarazzjoni tal-metodu, u liema parti it-Tribunal iqis li ġiet miksura "*Particular attention is to be given to preventing the contamination of adjoining roadways and existing water courses."* It-Tribunal iqis li l-

appellant seta' kien aktar metikoluż u seta applika aktar attenzjoni sabiex ma jaqax dak l-ammont ta' materjal fit-triq adjaċenti. Dan filwaqt li jiġi apprezzat li eliminazzjoni ta' kwalunkwe *debris* fi process ta' demolizzjoni huwa prattikament impossibli. Hawnhekk fejn it-Tribunal iqis li d-dikjarazzjoni tal-metodu ġiet miksura.

In vista' ta' dan it-Tribunal, wara li qies li l-appellant aġixxa b' *bonus pater familias* u applika numru ta' miżuri tul il-proċess ta' demolizzjoni, wara li qies li l-Awtorita' kienet skoretta sa fejn imponiet multa għab-bażi li l-bankina adjaċenti għas-sit ma kinitx aċċessibli u wara li qies l-aċċident li seħħ u l-ammont sostanzjali ta' materjal li waqa fit-triq li wassal sabiex kien hemm ksur ta' parti mid-dikjarazzjoni tal-metodu, it-Tribunal iqis li l-penali amministrattiva imposta fl-ammont ta' ħamest elef euro (€5,000) hija sproporzjonata u eċċessiva. Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex inaqqas il-penali amministrattiva għal elf euro (€1,000) u dan in vista' li l-appellant kellu japplika aktar attenzjoni sabiex it-toroq adjaċenti ma jiġux impattati b'dak il-mod.

Decide

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell in parte u filwaqt li qed jirrevoka l-avviż ta' infurzar maħruġ nhar it-13 ta' Frar, 2023 fejn dan waqqaf it-tkomplija tal-iżvilupp fis-sit in kwistjoni, qiegħed isib lill-appellant responsabbli, hekk kif indikat fl-avviż ta' infurzar maħruġ nhar l-14 ta' Frar, 2023, li naqqas milli jiżgura li l-miżuri tad-dikjarazzjoni tal-metodu jiġu implimentati bis-sħiħ, iżda in vista' tar-raġunijiet mogħtija qiegħed inaqqas il-penali amministrattiva għal elf euro (€1,000).

In vista' ta' problem loġistiċi u dikjarazzjoni ta' kunflitt ta' interess minn wieħed mill-membri tat-Tribunal, it-Tribunal ma setax ikun f'posizzjoni li jagħti din id-deċiżjoni fiż-żmien preskritt mil-liġi.

Dr Christopher L Vella	**Perit Robert Sarsero**	**Inġ.Anthony Camilleri**
Chairperson	**Membru**	**Membru**